**GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.**

**SEDUTA TA’ NHAR IL-GIMGHA, 30 TA' NOVEMBRU, 2001**

*Avviz. Nru 1264/01 AJD*

The Catalogue Co. Ltd.

vs

Krosse Holding Ltd.

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Ottubru, 2001, fejn intalab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin liri Maltin u erbgha u disghin centezmu (Lm232.94) rappresentanti certi ‘invoices’ ghall-prodotti provduti lis-socjeta’ konvenuta.
Bl-ispejjes, u bl-imghax mid-data tal-prezentata tat-talba, kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata, baqghet ma deheritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Dr. Claudine Zarb, in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonfermat bil-gurament li l-ammont ghadu dovut lis-socjeta' attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin liri Maltin u erbgha u disghin centezmu (Lm232.94) bl-imghaxijiet legali kif mitluba.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR